**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 21 ta' Marzu 2018**

**Rikors Numru: 305/15 CSH**

**Kevin Camilleri**

**vs**

**Emanuel Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Kevin Camilleri fir-Registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu id-danni liema danni ma jeccedur l-erbat elef Ewro (€4,000) sofferti mill-attur meta nhar is-7 ta' Novembru 2014 hajt ta' ghalqa tieghu fi Triq Sqaq Ballott, Zurrieq, Malta, li ma kienx mibni skond l-arti w is-sengha u li ma kienx mantenut kif suppost, waqa' fuq vettura tieghu tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni LCJ436, ghal liema incident ghandu jirrispondi skond il-ligi u anke ghar-ragunijiet suesposti.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Jannar 2015 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' **Emanuel Grixti** pprezentata nhar is-7 ta' Dicembru, 2015 fejn eccepixxa:

"Illi preliminarjament il-konvenut jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet migjuba kontrih bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. *Illi fl-ewwel lok id-danni u l-hsarat allegatament sofferti mir-rikorrenti fuq il-vettura tieghu, jekk graw, certament illi ma grawx minhabba xi ghemil jew nuqqas tal-intimat, izda graw biss bhala rizultat ta' kaz fortwit u/jew forza magguri;*

2. *Illi ghalhekk l-intimat ma jista' jigi kundannat ihallas ebda spejjez li talvolta seta' sofra r-rikorrenti;*

3. *Illi fil-fatt dan il-hajt waqa' sforz ta' cirkostanzi illi l-intimat assolutament ma kellux kontroll fuqhom, u cioe' minhabba maltemp qawwi li laqat il-gzejjer Maltin fid-data tal-incident in kwistjoni, u cioe' fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014);*

4. *Illi fit-tieni lok, u dan kif ser jirrizulta ahjar mill-provi prodotti mill-intimat waqt is-smiegh tal-kawza, jigi ulterjorment rilevat illi la huwa minnu illi l-istess hajt ma kienx mibni skond l-arti u s-sengha u lanqas huwa minnu illi l-intimat ma zammx il-hajt in kwistjoni fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u riparazzjoni kif qed jallega r-rikorrenti;*

5. *Illi fil-fatt, kien kuntrattur tal-Gvern stess illi bena l-hajt in kwistjoni;*

6. *Illi di piu' l-intimat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Claire Stafrace Zammit, akkuzat talli kkawza hsara*

*involontarja fuq il-vettura proprjeta' tar-rikorrenti attur izda huwa dikjarat mhux hati ta' l-akkuza addebitata lilu;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu permessi skond il-ligi u awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat illi dakinhar tas-seduta tat-13 ta' April, 2016 l-attur **Kevin Camilleri** ipprezenta l-affidavit tieghu fejn iddikjara li fis-7 ta' Novembru 2014 huwa kien ipparkja l-vettura tieghu, bhalma spiss jaghmel, taht hajt tal-kantun tal-ghalqa ta' Emanuel Grixti li qeghda quddiem ir-razzett taghhom, cioe' fi Triq Sqaq Ballot gewwa Hal Far*, limiti taz-Zurrieq. Iddeskriva l-hajt bhala gholi ta' bejn seba' u tmien filati u mhux parigg il-kumplament tal-hitan imtella' mill-Gvern, peress li kien ghollih l-istess Grixti. (Ritratti Dok. KC1 sa KC2).

Qal li huwa kien ipparkja ghall-habta ta' nofsinhar, wara li spicca mix-xoghol. Ghall-habta tal-hamsa (5p.m.) jew hamsa w nofs (5.30p.m) ta' wara nofsinhar, x'hin lesta milli kellu jaghmel fir-razzett, u kien qed jaghlaq il-garaxx, sema' hoss qawwi u meta dar ra l-hajt tal-ghalqa ta' Emanuel Grixti fuq il-karozza tieghu tat-tip Mini-Pajero bin-numru ta' registrazzjoni LCJ436 (Ritratti Dok. KC3 sa KC5).

L-attur qal li minhabba dan, huwa sofra danni fl-ammont ta' madwar tlett elef u disa' mitt Ewro (€3,900) (Stima Dok. KC6). Spjega li nofs il-karozza sofriet hsara, kien hemm hsara fis-saqaf, fil-windscreen, fil-bonnett, fil-faccata u fil-genb kollu.

*[*korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-10 ta' April 2018 fuq rikors tat-22 ta' Marzu 2018 - il-kelma Hal-Farrug giet sostitwita bil-kelma Hal Far]*

L-attur kompla li l-ghada cempel lil Emanuel Grixti li mar fuq il-post u ra l-karozza, izda dan mill-ewwel qallu li ma kien se jtih xejn u ghalhekk kellu jqabbad avukat, u dan nonostante li meta kien mitkellem mill-pulizija, Grixti kien qalilhom li kien lest jirranga. Madankollu dan ma sarx.

Camilleri zied jghid li wara li kien kellem lill-avukat tieghu, Grixti kien cempillu w qallu li bhala kompromess kien lest jixtrilu z-zerriegha tal-patata u jhallih jizraghha w jahdimha fl-ghalqa tieghu (ta' Grixti), bil-patt li meta tinqala' w tinbiegh, id-dhul jinqasam bejniethom. Pero' dan ma kienx accettabbli ghalih u kien ghalhekk li kellu jaghmel din il-kawza.

L-attur jghid li Grixti jinsisti illi l-hajt ma bniehx hu w ghalhekk ma jistax jinzamm responsabbli. Izid pero', li kif jidher mir-ritratti (Dok. KC7 sa KC8), l-hitan tal-Gvern huma iktar baxxi w il-hitan tal-ghalqa ta' Grixti huma lkoll mibnija b'gebel gdid u kompluti bix-xatba, ghall-kuntrarju tal-hitan mibnija mill-Gvern.

Illi fis-27 ta' Settembru 2017, xehed **Kevin Camilleri** li bil-Malti u bil-gurament tieghu in kontro-ezami qal illi huma ghandhom ghalqa faccata tal-konvenut u li jew hu jew missieru dejjem jipparkjaw mal-hajt tal-attur u dan ghal perjodu ta' snin.

Qal illi effettivament dak huwa sqaq u fl-ebda sqaq ma' hemm *parking spaces* u li it-trejqa pero' xorta hija wiesgha u tista' tipparkja fuq iz-zewg nahat pero' t-trejqa tidjieq aktar 'il fuq specjalment jekk tipparkja fuq in-naha faccata.

Spjega illi dakinhar tas-7 ta' Novembru kien hemm hafna xita u waqt il-gurnata kien hemm xita normali u bil-lejl jaf li ghamlet naqra ohra. Qal illi ghamlet iktar u li kien hemm maltempata. Qabel dakinhar jaf ukoll li kien hemm xi granet ohra bl-irjihat pero' jaf ukoll li gieli waqghu xi hitan f'okkazjonijiet

ohrajn pero' sa fejn jaf hu ta' Emanuel Grixti ma waqghetx ghalkemm kien hemm xi bicca tas-sejjieh li waqghet.

Spjega illi hu kien ilu li pparkja minn filghodu dakinhar u waqt li kien ghadu hemmhekk fl-ghalqa sema' il-hoss tal-hajt jaqa'. Qal illi jaf li kien hemm xi hajt iehor li waqa' fil-vicinanzi minhabba l-maltemp. Il-hajt l-iehor waqa' u li jaf bih hu mhux fil-vicinanzi imma Hal Far.

Spjega illi s-Sur Grixti cempillu 'l ghada u fil-fatt Grixti kien mar fuq il-post met hu kien qed inehhi l-karozza minn hemm, anzi qal li kien diga' nehha l-karozza meta wasal il-konvenut u mhux minnu dak li gie ssugerit lilu mill-Avukat tal-konvenut li kien tella' biss filata wahda. Qal illi l-konvenut dejjem jgholli l-hajt u dak jidher mir-ritratti wkoll u fil-fatt il-Gvern kien tah erba' filati u dan gabu tmienja.

Spjega illi hu dejjem ghand il-konvenut jafha l-ghalqa u jaf li hu kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq u spiccaw ukoll b'xi kawza tad-Distrett u jaf li kien hareg illiberat. Spjega kif dak iz-zmien hu kien inxurja mal-Elmo jew ma' Gasan u hu ma thallasx minghand l-insurance ghall-hsara li kellu. Qal li kellu third party full fire and theft u li l-insurance tieghu kienet biss ghat-triq, third party.

Il-**Perit Godwin Abela** xehed fil-15 ta' Gunju 2016 fejn iddikjara li qed jaghraf r-rapport tieghu li jinsab inserit fl-atti a fol 27 dwar spezzjoni ta' hajt li saret fuq struzzjonijiet moghtija lilu minn Kevin Camilleri. Filwaqt li kkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tieghu, qal illi l-parti tal-hajt li waqa' effettivament ma kellhiex pilastri biex jorbtuh. Dik il-parti partikolari ma kellhiex waqt li l-kumplament kellu.

Illi fit-8 ta' Novembru 2017, xehed il-**Perit Godwin Abela** illi gie muri rapport esebit fl-atti a fol 27 u kkonferma li dan ir-rapport gie mhejji minnu u remotament jiftakar il-kaz ukoll u effettivament hu kien mar fuq inkarigu moghti lilu minn Kevin Camilleri. Dakinhar ma kien effettivament tkellem ma' hadd u dakinhar kien qallu li kien waqa' hajt minhabba li kien hemm l-irjihat b'sahhithom hafna u li effettivament kien waqa' xi hajt fuq xi karozza. Spjega li effettivament dik il-parti tal-hajt illi waqghet ma kienx hemm pilastru maghha u dan hu evidenza li ra hu mill-aerial photo u li sfortunatament ir-rapport mhux bil-kulur ghax kieku kien jidher ahjar.

**PC 164 Mark Abdilla** xehed fil-15 ta' Gunju, 2016 fejn qal li hu jinsab stazzjonat l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq. Ikkonferma illi fis-7 ta' Novembru tas-sena 2014 kien ircieva rapport li effettivament kien waqa' hajt gewwa Triq Sqaq Ballott, iz-Zurrieq. Huwa esebixxa kopja tal-okkorrenza relattiva ma' dan ir-rapport liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument PS. Ikkonferma li din l-okkorrenza hija ffirmata minnu. Mistoqsi jekk kienx ghamel spezzjoni fuq il-post, wiegeb li fil-fatt kien mar u sab hajt li waqa' fuq Pajero u kkonferma wkoll li kien ha ritratti bil-mobile tieghu pero' kien ghamel *formatting* tal-mobile u llum m'ghadhomx ghandu.

Rat in-nota tal-attur Kevin Camilleri pprezentata fis-26 ta' Awissu, 2016 li permezz taghha esebixxa zewg affidavits.

Rat l-affidavit ta' **Geoffrey Cachia** fejn qal li hu ghandu ghalqa go Sqaq Ballott, Zurrieq, vicin fejn waqa' l-hajt tal-ghalqa ta' Emanuel Grixti fuq il-karozza ta' Kevin. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li waqa' l-hajt, kien ir-rih u x-xita, izda la hu w lanqas hadd ma sofra hsarat jew waqghulu hitan. Dan sostna li l-hajt li waqa' ma kienx inbena sew ghaliex ma kellux il-ktajjen jigifieri ma kellux x'jinforzah u l-pedament lanqas kien dobblu. Cachia qal li l-hajt originali kien inbena mill-Gvern u kien iktar baxx pero' mbaghad Grixti

kien qabbad lin-nies jgholluh. Fl-opinjoni tieghu iktar ma tgholli, izjed u izjed meta ma sarux ktajjen, iktar kien facli li l-hajt jaqa'. Zied li wara li waqa', kien Grixti stess li rega' tellghu, ghalkemm sostna li llum ix-xoghol sar hafna ahjar u fil-fatt illum il-hajt fih il-ktajjen kif suppost u anke ghamlulu l-pedament dobblu kif suppost u sahansitra hallew minn fejn jghaddi l-ilma, haga li qabel ma kienx hemm.

Rat l-affidavit ta' **Antonio Zarb** li ddikjara li hu ghandu ghalqa fl-istess sqaq/triq, iktar 'il fuq mill-ghalqa ta' Grixti. Huwa ftakar li dakinhar li waqa' l-hajt fuq il-karozza ta' Kevin, kien il-maltemp, izda hadd izjed ma kellu hsarat jew iggarrfulu l-hitan. Dan spjega li fl-akkwati taghhom, il-Gvern kien beda jibni l-ewwel tlieta jew erba' filati tal-hitan tal-kantun u li x-xoghol waqaf ezatt mal-proprjeta' ta' Grixti, tant li Grixti hu l-ahhar wiehed mill-ghelieqi li ghandu l-hajt bil-kantuni. Zied jghid li mbaghad Grixti kompla jtella' l-filati fuq dak li kien bena l-Gvern u fil-fatt il-hajt tieghu kien u ghadu ghola minn tal-ohrajn. Qal ukoll li l-hajt li bena Grixti ma sarx sew u fil-fatt ma kienx fih ktajjen u lanqas toqob biex jghaddi l-ilma tax-xita u ghalhekk ma kinitx sorpriza li waqa'. Wara li dan il-hajt waqa', Grixti rega' bnieh kif kien, jigifieri llum rega' hemm xi seba' filati extra fuq tal-Gvern, ghalkemm stqarr li llum ix-xoghol sar ahjar ghaliex hemm il-ktajjen, toqob ghall-ilma u pediment dobblu.

**Antonio Zarb** xehed fit-8 ta' Novembru 2017, li bil-Malti u bil-gurament tieghu qal li huwa minnu li hu ghandu ghalqa li minnha tghaddi mill-istess sqaq li jghaddi s-Sur Emanuel Grixti u jaf ukoll li kien waqa' xi parti minn hajt tal-ghalqa tas-Sur Grixti fuq il-karozza ta' Kevin Camilleri.

Spjega illi jahdem fis-Civil Protection u ma jiftakarx dakinhar meta kien waqa' dak il-hajt. Jaf li dakinhar kien il-maltemp u jaf li kien waqa' l-hajt fuq il-karozza tieghu u li kienu hargu fuq xoghol simili mas-Civil Protection. Qal illi

jaf li kienu waqghu xi sigar u dakinhar kien xebgha rih u xita u kien iktar min-normal.

Hu ma jidholx minn fejn jidhol is-Sur Grixti ghar-raba' tieghu u qal li hu jidhol minn fuq. Spjega li r-raba' tieghu ma waqghulhomx il-hitan. Min-naha tieghu qal li hu ma rax ghelieqi li kellhom il-hitan imwaqqa'.

**Emanuel Grixti** xehed fis-26 ta' Ottubru, 2016 u kkonferma illi l-ghalqa maghrufa bhala Sqaq Ballott, iz-Zurrieq hija proprjeta' tieghu. Mistoqsi min effettivament kien bena l-hajt ta' madwarha spjega illi meta kienet twessghet it-triq, il-Gvern kien tella' dan il-hajt. Pero' meta effettivament kien xtara l-ghalqa kien hemm parti minn dan il-hajt li kien imwaqqa' u kien tellghu gdid u fejn dik il-parti li waqghat bil-maltemp hu ghadu ma missux. Huwa effettivament dik il-parti li kien tella' hu kien tellaghha biss filata. Spjega illi l-hajt li waqa' effettivament kienu tellghuh l-haddiema tal-Gvern. Huwa kien tella' biss filata fuq dan il-hajt. Huwa m'ghamillu l-ebda konkos jew re-inforz fuq il-filata li tella'.

Rat l-affidavit tal-konvenut **Emanuel Grixti** pprezentat permezz ta' nota fl-14 ta' Dicembru 2016. Huwa kkonferma li fis-sena 2009 kien xtara ghalqa gewwa Sqaq Ballott gewwa Bubaqra z-Zurrieq, permezz ta' subbasta. Din l-ghalqa tmiss mat-triq, cioe' Sqaq Ballott, minn fejn jghaddu l-karozzi. Spjega li l-hajt tal-ghalqa li jaghti ghal got-triq huwa maghmul parti minn gebel tas-sejjieh u parti ohra mill-knatan li kien ghamel il-Gvern jew il-Kunsill Lokali meta twessghet it-triq fis-sebghinijiet (1970s). Qal li meta xtara din l-ghalqa, il-hajt diga' kien hekk u allura l-hajt tal-knatan kien diga' iqsar mill-hajt tas-sejjiegh, ghalkemm imiss mieghu. Il-konvenut qal li ma jiftakarx kemm kienu gholjin dawn il-hitan meta xtara l-ghalqa. Spjega li l-hajt tal-knatan kien hajt tad-disgha (9) jew tas-sitta (6), u li l-gebel tal-hajt tas-sitta (6) ikun ehfef mill-gebel

li jintuza fil-hajt tad-disgha (9). Zied li ghalhekk il-hajt tal-ghalqa tieghu kien wiehed b'sahhtu u ma kienx immermer jew mikul.

Emanuel Grixti kompla jghid li xi sena wara li kien xtara l-ghalqa, kien qabbad lil certu Lawrence Bonnici biex jaghmillu filata knatan fuq li diga' kien hemm sabiex il-hajt tal-knatan jigi daqs il-hajt tas-sejjieh li kien oghla.

Zied li nhar il-Gimgha 7 ta' Novembru 2014, cioe' dakinhar tal-incident, Malta kienet milquta minn maltempata kbira. Anzi, qal li skond kif gie rappurtat dan kien ciklun u l-maltemp kien gej mix-Xlokk ghal-Lvant. Il-maltemp kien beda ghal habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30) u kien dam ghaddej. Qal li dakinhar hu ma kienx mar l-ghalqa, izda kien baqa' d-dar tieghu go San Pawl il-Bahar. Qal li la dakinhar u lanqas l-ghada s-Sibt ma kien sema' xejn minghand hadd, izda l-Hadd 9 ta' Novembru 2014 kien cempillu l-attur fuq il-mobile u kien qallu li kien waqaghlu l-hajt tal-ghalqa fuq il-karozza tieghu. Hu wiegbu li ma kien jaf b'xejn u talbu jtih cans imur sal-ghalqa biex jara x'kien gara. Waqt it-telefonata, Kevin ma kienx qallu x'kienet il-hsara fil-karozza u Kevin kien jinstema' kalm hafna.

Il-konvenut zied jirrakkonta li l-ghada t-Tnejn filghodu mar l-ghalqa fejn sab lil Kevin u lil missieru u regghu qalulu li kienu waqghu il-knatan tal-hajt tieghu fuq il-karozza ta' Kevin. Dak il-hin il-karozza ma kinitx fil-post fejn sehh l-incident, izda kienet ipparkjata fil-passagg tar-razzett tal-attur. Kevin u missieru kienu dahhluh jaraha pero' seta' jara biss il-windscreen mifqugh u l-bonnett mghattan u daqsxejn il-genb tal-karozza. Iddikjara li ra l-knatan li waqghu fil-maltempata kollha kemm huma mal-art fit-triq, weqfin ringiela wiehed wara l-iehor, u kienu jidhru li baqghu kif kienu meta waqghu bil-maltemp u ma tressaq xejn minnhom. Ghalhekk Grixti kkummenta li raha haga kemmxejn impossibbli li dawn il-knatan fil-fatt kienu waqghu fuq il-karozza, peress li din kienet tnehhiet. Inoltre zied li ghandu dubji serji kemm fil-fatt il-

knatan waqghu wara li tnehhiet il-karozza minn quddiem il-hajt tal-ghalqa tieghu ghal fuq il-karozza ta' Camilleri.

Il-konvenut kompla li dan ma kienx l-uniku hajt li waqa' fiz-Zurrieq, ghax skond Camilleri stess kienu waqghu xi cnut ohrajn minhabba l-maltemp, fostom ta' certa persuna maghrufa bhala Ta' Biezel, li c-cint tieghu waqa' mitt (100) pied ghal got-triq, kif ukoll il-hajt ta' wiehed imlaqqam Ta' Konok li kien waqa' tmenin (80) pied. Ta' Camilleri kienu ammettew mieghu li l-maltempata kienet wahda "kerha" tant li kienu bezghu johorgu mill-garaxx taghhom biex imorru lejn id-dar. Grixti qal li dakinhar kien sab ix-xatba tal-ghalqa wkoll imkissra bl-istess maltemp.

Grixti sostna wkoll li ghalkemm Kevin Camilleri dejjem kien ikollu l-ispazju ta' zewg (2) karozzi fejn seta' jipparkja quddiem ir-razzett tieghu, madanakollu dejjem kien imur jipparkja quddiem l-ghalqa tieghu, fejn m'hemm l-ebda linji ta' *parking* la bojod u lanqas sofor. Zied jghid li fl-isqaq m'hemmx tabelli tal-*parking*, jigifieri Kevin Camilleri kien jaqbad u jipparkja hemm minn jeddu. Il-konvenut zied li nonostante l-incident, Kevin Camilleri xorta baqa' jipparkja l-karozza tieghu quddiem dan il-hajt.

Il-konvenut insista li l-hajt tal-ghalqa, cioe' l-parti tal-knatan, kien hajt b'sahhtu u ma kienx mitluq u konsegwentement jekk effettivament waqa' fuq il-karozza ta' Kevin Camilleri ma waqax tort tieghu, imma minhabba l-maltemp kbir u qawwi li ghamel li kien jikkonsisti minn xita qliel u rih forza hdax (11), haga li zgur ma kellux kontroll fuqha, izda kienet sforz tan-natura.

Illi fil-31 ta' Jannar 2017 xehed **Ignatius Farrugia,** Sindku taz-Zurrieq. Dan ikkonferma wkoll illi fis-7 ta' Novembru 2014 il-Kunsill kellu diversi rapporti dwar hsarat li gew kagunati minhabba l-maltemp. Qal illi dakinhar kien hemm grigalata li giet min-naha ta' Filfla u kkagunat diversi danni. Kien hemm

rapporti fuq sigar li tqacctu, cnut imwaqqghin u affarijiet simili. Sostna illi effettivament kien hemm diversi rapporti ghaliex kien hemm hafna hsarat, tant li kienu gew milquta wkoll diversi toroq. Huwa jaf ukoll li effettivament kien hemm ukoll rapporti dwar Triq il-Qortin. Il-kontendenti huma t-tnejn miz-Zurrieq u jafhom. Ftakar li l-konvenut kien mar il-Kunsill biex jaghmel rapport u hu kien idderigieh biex imur jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq. Mill-memorja ftakar li kien hemm ukoll xi hsarat fi Triq il-Ballott.

Qal li l-konvenut kien wiehed minn diversi nies li marru jilmentaw u r-rapporti kienu baqghu dehlin xi jumejn wara l-hsarat li gew kagunati fis-7 ta' Novembru 2014. Ikkonferma li l-konvenut kien mar jilmenta u hu kien qallu li ma seta' jaghmel xejn peress li dak li gie kagunat kien *act of God,* u inoltre qallu li fi kwistjonijiet privati l-Kunsill ma jidholx.

Ix-xhud qal li l-konvenut kien qallu wkoll li bhala rizultat li waqa' l-hajt kien hemm hsarat sofferti minn terzi persuni, pero' ezattament x'kien qallu ma jiftakarx. Mistoqsi jekk rax il-hajt tal-konvenut, qal illi ma rahx wara l-incident u l-hajt mhuwiex fil-gurisdizzjoni tal-Kunsill. Huwa privat.

Fil-31 ta' Jannar 2017 xehdet **Svetlana Caruana** li ddikjarat li tokkupa l-kariga ta' ufficjal fl-Ufficju Meteorologiku. Din qalet li bhala l-oghla bufura ta' rih li sehhet fis-7 ta' Novembru 2014 kienet 64 knots u d-direction 300 degrees u dana kien filghaxija ghal habta tas-sitta u ghaxra, skond ma hu rrekordjat Hal Luqa. Bhala ammont ta' xita dakinhar kien hemm 28.7 millimeters tul il-gurnata kollha u bejn is-sitta u s-sebgha ta' filghaxija r-rih *on average* kien 36 knots u ghalhekk kien qawwa ta' riefnu. Ghalhekk, spjegat li skond dawn il-kalkoli dakinhar kien hemm il-maltemp u kien hemm ukoll thunderstorms, u inoltre matul il-gurnata kien hemm ukoll twissijiet ta' rih qawwi. Kien hemm ukoll gale warning, anzi ziedet li effettivament kien hemm gale warnings matul il-gurnata kollha. Ziedet li on an average base fis-sitta jew sebgha ta' filghaxija

kien ta' 36 *knots*, pero' mal-gurnata kien hemm ukoll bufuri ta' rih. Mistoqsija jekk l-ajruplani ittajrux dakinhar, wiegbet li huma ma jkollhomx informazzjoni dwar air traffic.

Fil-31 ta' Jannar 2017 xehed **Lawrence Bonnici**. Mistoqsi jafx lill-konvenut, ikkonferma illi jafu ghax habib tieghu. Qal li llum-il gurnata jahdem ma' kumpanija IPSL bhala handyman. Zied jghid li effettivament kien ghamel xi xoghol ukoll ghall-konvenut, fejn kien ghamillu gate u tellaghlu bicca hajt imwaqqa' ta' mal-gate. Dan jinsab gewwa sqaq iz-Zurrieq. Kien ukoll baqaghlu xi knaten u poggewhomlu fuq il-hitan u dan billi effettivament ghamlulhom ukoll it-tajn. Spjega li l-bicca li tella' hu ghamilha mill-gdid minn isfel sa fuq. Din kienet il-bicca li ma kienx hemm mal-gate u li hu tella' mill-gdid u l-bicca tal-hajt l-ohra hemm kienet minn qabel u l-ftit knaten li kien baqaghlhom poggewhom fuq il-hajt.

**Jeffrey Cachia** xehed fit-8 ta' Novembru 2017 li meta gie mistoqsi meta waqa' l-hajt wiegeb li ma jiftakarx pero' jaf li kien maltemp dakinhar u li bejn l-ghalqa tieghu u dik tas-Sur Grixti hemm ghalqa ohra li tifridhom. Spjega illi dakinhar ma rax hitan imwaqqghin ta' ghelieqi ohra fl-akkwata. Il-familja taghhom ghandhom l-ghalqa fil-vicinanzi u hu wkoll minnu li ghandu ziju li ghandu razzett ftit il-boghod mill-ghalqa taghhom u m'humiex irziezet izda kmamar. Qal illi ma jafx li effettivament kien hemm xi hajt ta' xi mija u ghoxrin pied li waqa' u hu ma ra l-ebda hitan imwaqqa'. Spjega illi apparti l-kaz odjern, ma sema' bl-ebda hajt iehor li waqa'.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018 meta l-istess avukati talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti sejra l-ewwel nett tgħaddi biex tqis l-azzjoni attriċi dwar id-danni mġarrba fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin dwarha. Biex tagħmel dan, u fil-qafas taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ, jeħtiġilha tqis sewwa l-kostatazzjonijiet ta' għamla teknika li ta' bilfors jiddominaw il-kwistjoni.

In-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi hija waħda għal risarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrek jaħti għal dan id-dannu. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mill-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbilta' ċivili toħroġ minn imġieba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[1];

Illi huwa prinċipju stabbilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[2], u li jitqies fi ħtija kull min, f'ghemilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[3]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[4].

Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[5];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali

---

[1] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet '**Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et'**
[2] Art. 1031 tal-Kap 16
[3] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[4] Art. 1033 tal-Kap 16
[5] Art. 1029 tal-Kap 16

ta' dak l-egħmil jew ta' dik l-omissjoni, li f'dan il-kaz l-ommissjoni kienet tikkonsisti billi l-konvenut ma hax hsieb li jibni l-hajt skond is-sengha u l-arti.

Għar-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbilta' huwa meħtieġ li jintwera li l-attur ġarrab l-ħsarat li minnhom jilmenta u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-imħarrek kien jaħti għalihom. Din ir-rabta ta' kawżalita' bejn l-egħmil (jew l-omissjoni) tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies tal-azzjoni mressqa mill-attur;
Illi l-attur jibni l-azzjoni tieghu għad-danni fuq iċ-ċirkostanza ewlenija li l-imħarrek naqas li jara li meta in effetti bena fuq il-hajt tas-sejjieh 'l fuq mill-bini li kien tellgha il-Gvern, naqas li jiehu prekawzjoni sabiex ix-xoghol li ghamel il-konvenut kien skond is-sengha u l-arti. Huwa appuntu minhabba dan in-nuqqas da parti tal-konvenut li l-attur sofra Danni meta waqa' il-hajt tas-sejjieh propjeta' tal-konvenut, fuq il-vettura tieghu;

Illi, min-naħa tiegħu l-imħarrek jiddefendi ruħu fuq żewġ argument:
Huwa jiċħad ir-responsabbilta' kemm fuq il-kriterju tal-forza maġġuri u kif ukoll dik tal-kontributorjeta' min-naħa tal-attur li pparkja l-vettura fi trejqa fejn ma kienx hemm sinjali ta' parkegg permess.

Dwar tal-ewwel jgħid li l-hajt waqa' ghal fuq il-vettura tal-attur* riżultat ta' maltempata qalila li għamlet ħsara u ġabet ħerba ma' Malta kollha u mhux biss hsarat lill-attur; tat-tieni għaliex jgħid li jekk tabilħaqq waqa' l-hajt, dan ġara għaliex l-attur pparkja il-vettura tieghu f'post fejn ma kienx hemm sinjali ta' parkegg;

*[*korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-10 ta' April 2018 fuq rikors tat-22 ta' Marzu 2018 - il-kelma konvenut giet sostitwita bil-kelma attur]*

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin ma' ċirkostanza bħal din iduru mal-kostatazzjoni li l-ħsara tkun ġrat minħabba xi azzjoni tal-konvenut li kkagunat dik il-ħsara lamentata mill-attur. F'qagħda bħal din, titnissel dik li tissejjaħ "*in-*

*natura oġġettiva tar-responsabbilta'*"' li tinbena fuq ir-responsabbilta' li kull sid ta' proprjeta' titfa' fuqu l-liġi biex iħares u jikkontrolla ħwejġu kif imiss.

F'dan ir-rigward, ingħad ukoll li:

*"ġaladarba teżisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu nnifsu kriterju ta' responsabbilta', in kwantu jimponi fuq min għandu d-disponibilita' tal-fond, sija materjali, sija ġuridika, ir-responsabbilta' għas-seħħ ta' ċerti eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-riċerka tan-ness kawżali bejn xi kondotta negattiva tiegħu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruħu. Anzi, dejjem fil-każ tal-ispeċje hawn eżaminat, strettament id-danneġġat mhux tenut jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuża f'min iġib fis-seħħ l-event dannuż u, kważi kważi, din hi irrilevanti in kwantu hu lanqas ma għandu l-possibilita' li jaċċedi fil-fond li minnu oriġinat il-ħsara u, allura, teżisti anke d-diffikulta' estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond*".[6]

Illi l-Qorti sejra tibda l-ewwel billi tqis id-difiża tal-forza maġġuri. Fis-sottomissjonijiet tiegħu tal-aħħar, l-għaref difensur tal-imħarrek saħaq fuq dan l-aspett tad-difiża billi irrefera għall-provi mressqa mill-klijent tiegħu dwar il-qilla tal-maltempata li laqtet lil Malta dakinhar.

Huwa minnu li dakinhar il-maltempata kienet waħda mill-eqqel li laqtu lill-Gżejjer Maltin f'bosta snin. L-imħarrek ressaq ukoll bosta provi nkluz dawk dokumentali mahruga mill-ufficcju metereologiku li juru li dik il-maltempata kienet mifruxa ma' Malta kollha u li kien hemm ħerba. Jekk inhu hekk, kien jaqa' fuqu l-piż li jipprova dak li jallega;

---

[6] App. Inf. PS 23.4.2010 fil-kawża fl-ismijiet GasanMamo Insurance Ltd noe vs Doreen Vella et

Illi dwar din l-għamla ta' difiża li tneħħi l-ħtija minn fuq persuna[7], huwa stabbilit li min iqanqal difiża bħal din jaqa' fuqu l-obbligu li jippruvaha[8], la darba ċirkostanza bħal din ma tistax tkun preżunta meta jseħħ inċident. Minbarra dan, huwa aċċettat li aċċident m'huwiex entita' astratta, imma huwa fatt li jkun ġara kif inhu fix-xorta u l-entita' tiegħu, jiġifieri "*event bl-inċidenti inerenti miegħu inkwantu minnu jidderivaw danni: il-kwestjoni m'hijiex biss ta' kawżalita', iżda wkoll ta' responsabbilta', u min bin-negliġenza tiegħu ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw, ikun ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża l-'aċċident' u pro tanto jkun responsabbli għalihom.*"[9]

F'dan ir-rigward ukoll, tajjeb li jingħad li, biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem[10]. *Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun* <u>*inevitabbli*</u>*, (sottolinear ta' din il-Qorti) b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-bonus pater familias.*"[11]

Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid ta' bilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part.*"[12]

Illi fil-kaz in desamina jirrizultaw is-segwenti fatti dwar il-hajt li waqa':

[7] Art. 1029 tal-Kap 16
[8] P.A. DS 13.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri (konfermata fl-appell 27.2.2004)
[9] App. Ċiv. 2.3.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.163)
[10] App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Elmo Insurance vs Joseph Micallef et
[11] P.A. 7.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet Micallef vs Belle McCance noe (Kollez. Vol: XXXVII.ii.636)
[12] Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509

1. Il-konvenut ghandu ghalqa Triq Sqaq Ballott, Zurrieq, Malta, li kellha madwarha hajt li erbgha filati minnu kienu mibnija mill-Gvern.
2. Illi fuq dan il-hajt pero' kien hemm xi filati ohra li gew mibnija mill-konvenut u skond il-perit ex parte Godwin Abela, l-parti tal-hajt li waqa' effettivament ma kellhux pilastri biex jorbtuh. Dik il-parti partikolari ma kellhiex waqt li l-kumplament kellu. Dan hu evidenti wkoll mir-ritratti li gew esebiti mill-attur.
3. Illi jidher li ghalhekk il-hajt waqa' mhux minhabba il-maltemp izda ghaliex ma kienx gie mibni skond is-sengha u l-arti.
4. Jirrizulta li fil-madwar kien hemm ghelieqi ohra b'hitan tal-istess sura li ma waqghux, liema hitan pero' kienu mibnja mill-Gvern u ma kellhom l-ebda zieda fuqhom.
5. Jirrizulta wkoll li meta waqa' dan il-hajt dan waqa' fuq il-vettura tal-attur*.
6. Hsarat ohra fil-madwar ma kienx hemm minkejja li kien hemm il-maltemp u dan jirrizulta mix-xhieda l-ohra imressqa mill-istess attur.

Għaldaqstant, jinghad f'dan ir-rigward li d-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha.[13] Fuq kollox, fid-difiża tal-forza maġġuri, wieħed ikun irid juri mhux biss li l-ġrajja kienet waħda mhux mistennija jew mhux mixtieqa, imma wkoll li kienet waħda li ma setgħetx tiġi evitata[14]. F'dan il-kaz zgur li ma jistax jinghad li tali incident ma setghax jigi evitat. Il-fatt li l-hajt ma nbeniex skond is-sengha u l-arti hu prova bizzejjed sabiex tipprova in-negligenza tal-konvenut.

*[*korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-10 ta' April 2018 fuq rikors tat-22 ta' Marzu 2018 - il-kelma konvenut giet sostitwita bil-kelma attur.]*

[13] App. Ċiv. 16.1.1984 fil-kawża fl-ismijiet Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et (mhix pubblikata)
[14] P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Karl Camilleri vs Dipartiment tal-Agrikoltura

Min jeccepixxi l-forza maġġuri jrid jipprova żewġ fatturi: l-ewwel, l-imprevedibbilta' tal-ġrajja li tkun il-kawża tal-ħsara flimkien man-nuqqas ta' ħtija min-naħa tiegħu dwar il-kawża medjata u mmedjata ta' dik il-ħsara[15]; Issa fil-kaz in desamina jekk forsi jinghad li l-grajja kienet imprevedibbli zgur pero' li ma jistax jinghad li l-konvenut m'ghandux htija ghal dan in-nuqqas tieghu.

Illi l-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-imħarrek jista' jinqeda b'din id-difiża tiegħu. Mill-provi miġjuba quddiemha ma ntweriex li l-fattur waħdieni li wassal biex giet kagunata l-hsara fuq il-vettura propjeta' tal-attur kienet il-qilla tal-maltempata.

Id-danni gew kagunati fuq il-vettura tal-attur* għaliex l-imħarrek ma ħax ħsieb jiżgura li l-hitan tiegħu kienu milqugħa biżżejjed biex ma jaqghux u jibqghu hemm maz-zminijiet. Hekk jidher li ġara: l-qilla tal-maltemp bl-ilmijiet ma ghenux sabiex giet krejata l-instabbilita' fil-hajt pero' l-hajt waqa' mhux minhabba l-ilmijiet izda minhabba li ma kellux ilqugh tajjeb kif del resto stqarr il-perit tekniku; Il-konvenut ma kkontestax ir-rapport ex parte tal-Perit Godwin Abela. Stqarr biss fix-xhieda tieghu li 'l fuq mill-gholi li bena il-Gvern kien ghamel filata ohra. Dan mhux minnu ghaliex mir-ritratti jirrizulta li in effetti kienu erba' filati li zied. Dan hu wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Kevin Camilleri li jghid ex admisses li "*fil-fatt il-Gvern kien tah erba' filati u dan gabu tmienja*". Antonio Zarb fix-xhieda tieghu wkoll jghid ex admisses "*li mbaghad Grixti kompla jtella' l-filati fuq dak li kien bena l-Gvern u fil-fatt il-hajt tieghu kien u ghadu oghla minn tal-ohrajn. Qal ukoll li l-hajt li bena Grixti ma sarx sew u filfatt ma kienx fih ktajjen u lanqas toqob biex jghaddi l-ilma tax-xita u ghalhekk ma kinitx sorpriza li waqa'.*"

*[*korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-10 ta' April 2018 fuq rikors tat-22 ta' Marzu 2018 - il-kelma konvenut giet sostitwita bil-kelma attur]*

[15] P.A. PS 2.2.2005 fil-kawża fl-ismijiet George Bonniċi noe vs Nicholas Ellul et (mhix appellata)

Il-Qorti tal-Appell kellha okkazzjoni tikkonsidra l-eccezzjoni ta` "force majeure" fil-kuntest ta` maltempata fil-kawza: **Mizzi vs Paris et** (27 ta` Marzu, 2009) u dik il-Qorti f`dik is-sentenza esprimiet ruhha b`dan il-mod:

"*Skond il-Ligi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, kull hsara li tigri b`accident jew b`forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara. F`kazijiet bhal dawn min jallega li dak li gara kien dovut minhabba forza magguri, jew casus ghandu l-obbligu li jippruvah u dana sal-grad ta` probabilita`.*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz ma kienx hemm biss avveniment insolitu, sproporzjonat, izda kien hemm ukoll ommissjoni da parti tal-konvenut sabiex jipprova li l-incidenti ma kienx wiehed inevitabbli, b`mod li ma setax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias. Din il-preveddibilita` kellha tkun ta` probabiltajiet ragonevoli u mhux ta` possibiltajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p.l.p. 172; Vol. p.l.p. 74; Vol. XLVIII p.l.p. 258)". In konkluzjoni ghalhekk jinghad bla tlaqliq li l-eccezzjoni ta` force majeure tirnexxi biss f`kundizzjoni ta` inevitabbilita`.

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li d-difiża tal-forza maġġuri hija tajba.

Il-konvenut fit-trattazzjoni orali tieghu jghid li in pessima ipotesi jekk l-eccezzjoni tal-force majeur ma tigix milqugha allura il-Qorti ghandha tqis il-kontributorjeta' tal-attur minhabba l-post li huwa ghazel sabiex jipparkja l-vettura tieghu.

**Kontributorjeta'**

Illi dwar id-difiża tal-kontributorjeta' min-naħa tal-attur, il-liġi trid li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas

ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[16]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[17], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[18]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[19]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit,* u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel f'hiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn persuna tonqos milli tħares xi obbligu jew rabta dettata mil-liġi. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet għażlet li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-għażla tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-

[16] Art. 1051 tal-Kap 16
[17] App. Ċiv. 20.1.1964 fil-kawża fl-ismijiet Galdes vs Micallef (Kollez. Vol: XLVIII.i.59)
[18] P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Onorato Buġeja vs Dennis Aġius
[19] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et

possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[20]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-egħmil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-egħmil tal-parti l-oħra[21]. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor;[22]

Illi jekk wieħed jieħu l-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru u jkejjilhom ma' dak li ġara fil-każ tal-lum, m'għandux ikun hemm wisq dubju biex jasal għall-fehma li l-attur ma jistax jitqies li tassew ġab b'idejh il-ħsara li sofra fl-inċident mertu tal-każ. Il-fatt li huwa pparkja l-vettura tieghu taht hajt propjeta' tal-konvenut fi trejqa, bl-ebda mod m'ghandu jffiser li huwa espona ruhu ghad-danni. Dan ghaliex huwa pprezunt li min jibni hajt madwar il-propjeta' tieghu jibnih skond is-sengha u l-arti. Kienet tkun cirkostanza differenti jekk per ezempju l-attur qabad u pparkja l-vettura tieghu f'post fejn kien hemm xi sinjali li qed isiru x- xogholijiet u njora tali avviz u pparkja xorta. Jew addirittura kieku l-attur pparkja l-vettura tieghu f'post projbit minhabba xi periklu, li zgur mhux il-kaz.

Illi għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni tajba għaliex ma jmisshiex toqgħod fuq il-kostatazzjonijiet tal-Perit Godwin Abela, xhud ex parte mhux kontradett, u ma hemmx raġunijiet li fuqhom imissha, kif jissuġġerixxi l-imħarrek, titbiegħed minnhom[23]. Il-fehmiet tieghu, minbarra li jaqblu, huma mfissra b'mod tajjeb u ċar biżżejjed biex il-Qorti tgħarbel liema, mill-verżjonijiet tal-partijiet, tista' toqgħod fuqha u liema huma dawk iċ- ċirkostanzi fattwali li fuqhom tista' tasal għall-konvinċiment tagħha. Huma wkoll fehmiet li la huma kontra r-raġuni u lanqas imorru kontra xi dispożizzjoni tal-liġi;

[20] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP 31.5.2011 fil-kawża fl-ismijiet Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c. (mhix appellata)
[21] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et (mhix appellata)
[22] P.A. GCD 7.12.2004 fil-kawża fl-ismijiet Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta (mhix appellata)
[23] Art. 681 tal-Kap 12

Illi l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu jghid ukoll li una volta huwa ma nstabx hati mill-Qorti kriminali li kkaguna hsara involontarja lill-attur, allura addirittura din il-Qorti ma tistax tiddkjara li in effetti l-hsarat li sofra l-attur huma imputabbli lill-konvenut. Bir-rispett kollu dan ir-ragunament ma jaghmilx sens u dan ghaliex il-proceduri kriminali u dawk civili huma distinti u separati minn xulxin u ma jorbtux lil xulxin.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba jingħad li din hija l-konsegwenza diretta mas-sejbien tal-ħtija. L-imħarrek laqa' billi qal li ma kellux jagħmel tajjeb għan-nefqa tal-hsarat li sofra l-attur ghaliex dawk ma gewx kagunati tort tieghu.

Illi, ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-imħarrek jaħti għal dak li ġara, trid tara liema huma d-danni mitluba u liema huma d-danni ppruvati. L-attur jitlob kumpens ta' danni dwar id-danni li huwa sofra fl-ammont ta' madwar tlett elef u disa' mitt Ewro (€3,900) skond stima esebita minnu fl-atti u mmarkata bhala Dok. KC6). Spjega li nofs il-karozza sofriet hsara, kien hemm hsara fis-saqaf, fil-windscreen, fil-bonnett, fil-faccata u fil-genb kollu. Illi l-konvenut ma kkontestax dawn il-hsarat fis-sens li ma ressaq l-ebda prova sabiex jindika li dan il-quantum kien esagerat jew mhux dovut.

**Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut qieghda tilqa' t-talba tal-attur b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) kif jirrizulta minn dak mitlub minnu fid-dokument KC6 li fl-ebda hin ma gie kkontestat mill-konvenut bhala quantum u mhux is-somma**

**erroneja ta'  tlett elef u disgha mitt euro (€3,900) kif imsemmija fl-affidavit tal-attur Kevin Camilleri.**

**Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Jannar 2015 u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors odjern.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Regstratur**